MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JOSEPH CASSAR**

Seduta tat-12 ta' Jannar, 2005

Numru 58/2000

Il- Pulizija
(Supretendent Lawrence Cutajar,
Spettur Walter Spiteri)

Vs

Philip Borg

Il- Qorti,

Rat l- akkuza migjuba kontra l- imsemmi Philip Borg ta’ 50 sena bin Vestro u Guzeppa mitwielda Cassar mwieled Pieta’ u joqghod 8, Triq Sant’ Anna, Qrendi, I. D. Card No: 481454 (m).

Talli fid- 29 ta’ Marzu 2000 ghall- habta tas- 1.45 p.m. ghalkemm detenur tal- licenzja Kategorija B dahal gewwa l- kumpless tal- Fabbrika tan- nar ta’ Lourdes tal- Qrendi li tinsab f’ Wied il- Hofra, l/o Qrendi u

dan minghajr il- licenzja Kategorija A mahruga mill Kummissarju tal- Pulizija (Ara Sec 6 LN 243/1998).

Akkuzat ukoll talli fl- istess data, lok u hin immanifattura, hazen, garr jew haraq xi xoghol tan- nar li fih tahlita ta’ klorat tal- potassa u kubrit (Ara Sec 8 (a) LN 943/1998).

Semghet ix- xhieda bil- gurament.

Rat l- atti u d- dokumenti kollha.

Ikkunsidrat.

Fid- 29 ta’ Marzu 2000 ghall- habta tas- 2.00 p.m. sehhet spluzzjoni mal- hajt ta’ barra ta’ Lourdes Fireworks Factory. L- akkuzat mar il- fabbrika ghall- habta ta’ 12.00p.m. Sab lil Anthony Attard u ftit wara wasal Jason Farrugia. Hu kien “qed jinkolla xi fethiet tas- sitt (6) pulzieri. Telaq jigri u hdejn il- harruba kienet sehhet spluzzjoni. Ra lil Jason Farrugia jigri. L- akkuzat ghandu licenzja kategorija B u kien gol- post meta ma kien hemm hadd li kellu l- licenzja tal- kategorija A. ma jirrizultax li l- akkuzat immanifattura jew ghamel xi xoghol iehor tan- nar u ghalekk mhux hati tat- tieni akkuza u qed jigi liberat minnha.

Il- Qorti rat l- art 6 (2) ta’ l- Avviz Legali 243 tal- 1998, kif amendat bl- avviz legali 266 ta’ l- 1988, 122 u 123 ta’ l- 1999 (rega gie amendat darbtejn fl- 2001 imma dan il- kaz gara fid- 29 ta’ Marzu 2000) maghmul taht il- Kap 33 tal- Ligijiet ta’ Malta, issib lill- akkuzat hati taht l- imsemmi art. 6 (2) u tikkundannah mitt lira Maltija (Lm 100) multa.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------